# L-IRJUS MISJUBA FL-IPOĠEW... BL-ISTESS FATTIZZI TAN-NIES TAL-LUM

MELVIN FARRUGIA/mfarrugia@unionprint.com.mt



Ritratti: ALAN SALIBA

Minkejja li f'diversi kitbiet popolari jingħad li l-irjus li nstabu fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni huma misterjużi għax tawwalin, fil-verità dawn mhumiex tawwalin u l-qisien tagħhom huma qrib ħafna ta' dawk tan-nies tal-lum. Dwar dan IT-TORĊA tkellmet mal-Kuratriċi Prinċipali ta' Heritage Malta, MariaElena Zammit li spjegatilna aktar fid-dettall dwar dawn l-irjus u anke l-konservazzjoni li għaddejja f'dan is-sit prestiġġjuż.

Il-kuratriċi bdiet tispjega li kien Temi Zammit innifsu li meta beda jistudja dawn l-irjus sejħilhom bħala *"long headed"*. Spjegatilna li dak iż-żmien kien popolari ħafna l-istudju tal-irjus *(craniometry)* li minnu kienu jkejlu d-dimensjonijiet tal-irjus biex ikunu jistgħu jorbtuhom ma' karatteristiċi ta' razza jew oħra. Madankollu, qaltilna li llum dan l-istudju m'għadux isir għax din il-metodoloġija ġiet irrifjutata xjentifikament.

MariaElena Zammit qalet li minkejja li Temi Zammit kien qal li dawn l-irjus huma tawwalin, fl-istess rapport hu kien ippubblika tabella bil-qisien tagħhom. Spjegat li meta wieħed iqabbilhom ma' dawk tan-nies tal-lum jara li dawn mhumiex differenti wisq. Fil-fatt, hi qalet li dawn l-irjus huma ta' nies li ġejjin minn żmien pjuttost qrib tagħna (bejn it-3600 u l-2500 QK). Spjegat ukoll li minkejja li huma minn ħamest elef sena ilu, il-bniedem kien diġà fiżikament bħalna dak iż-żmien.

Min-naħa l-oħra, il-kuratriċi qalet li fil-kitbiet popolari tiġi enfasizzata l-kelma mtawlin peress li l-Ipoġew hu post li jqajjem ċerta kurżità u misteru peress li jinsab taħt l-art u fl-antik kienu jinżlu fih bid-dawl tax-xemgħa. Fil-fatt, spjegat kif ċerta leġġendi marbutin ma' dan il-post huma l-istess bħal dawk marbutin mal-katakombi, peress li huma l-istess tip ta' postijiet. Madankollu, għamlitha ċara li r-ritratti ta' rjus tawwalin li ħafna drabi jiġu ppubblikati f'kitbiet popolari dwar l-Ipoġew, mhumiex dawk li nstabu fl-Ipoġew iżda huma rjus mill-Amerka t'isfel li m'għandhomx x'jaqsmu ma' Malta.

B'kollox, kienu ttellgħu mill-Ipoġew għaxart irjus li kienu fi stat li setgħu jitkejlu. Dawn mhux neċessarjament kienu r-ras sħiħa iżda kien hemm biżżejjed materjal li minnu seta' jitkejjel id-daqs. Waħda mill-irjus tinsab esposta fl-Ipoġew biex in-nies ikunu jistgħu japprezzaw kemm hi viċin tal-qisien tal-irjus tan-nies tal-lum. Spjegat li fadal biss dan l-ammont żgħir għax sa minn dak iż-żmien meta bdew isiru l-iskavi fl-1903 kien hemm problema bl-umdità. Minkejja li nstabu l-għadam, meta pprovaw itellgħuh dan beda jiddiżintegra. Peress li kien hemm daqsxejn ta' kontroversja dwar dawn il-fdalijiet, meta sar il-proġett ta' konservazzjoni li ntemm fl-2017, ġie deċiż li tkun esposta waħda mill-irjus ħalli dak li jkun jaraha fil-fatt.

Dwar dan, MariaElena Zammit qaltilna wkoll li ftit tas-snin ilu Heritage Malta kienet għamlet CT Scan ta' waħda mill-irjus li nstabu fiċ-Ċirku tax-Xagħra, Għawdex, biex tagħmel rikostruzzjoni tal-wiċċ ta' persuna min-Neolitiku li f'dan il-każ kien ta' mara. Mir-rikostruzzjoni sar magħruf li din il-mara kienet pjuttost qrib għan-nisa kif inhuma llum.

Il-kuratriċi kompliet tispjega li minkejja li l-Ipoġew ġie skopert fl-1902 waqt il-bini tad-djar fl-inħawi, l-iskavi saru ftit wara, fl-1903. L-ewwel skavi bdew isiru fi żmien meta kien għadu qed jinħoloq id-dipartiment tal-mużewijiet u fil-fatt l-iskav tal-Ipoġew kien l-ewwel biċċa xogħol tagħhom. Responsabbli mill-iskavi kien Patri Manwel Magri li skava l-livelli tan-nofs u ta' taħt. Kien lesta x-xogħol tiegħu u kien kważi wasal biex jippubblikah. Madankollu, kellu jsiefer u miet barra minn Malta. Għalhekk qatt ma ħarġet il-pubblikazzjoni, għalkemm riċentament anke nstabu xi ittri tiegħu u żdiedet l-informazzjoni li kien hemm dwar l-iskavi.

Temi Zammit kompla jiskava l-livell ta' fuq. Peress li sa dan iż-żmien kien għad hemm id-djar mibnija fuq is-sit, ma kellux aċċess sħiħ għal dan il-livell. Fis-snin tmenin inxtraw dawn id-djar u twaqqgħu biex jitnaqqas il-piż minn fuq is-sit u fid-disgħinijiet setgħu jitkomplew l-iskavi.



## IN-NIES POSSIBBILMENT MA KINUX JIEKLU ĦAFNA ĦUT

MariaElena Zammit qaltilna li dwar in-nies ta' dak iż-żmien l-akbar ammont ta' informazzjoni nġabret miċ-Ċirku tax-Xagħra f'Għawdex, peress li l-għadam tal-Ipoġew kien wisq fraġli. Minbarra hekk, iċ-Ċirku tax-Xagħra kien skavat fit-tmeninijiet u l-kundizzjonijiet kienu differenti peress li xott. Fil-fatt, qaltilna wkoll li bħalissa qiegħda ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-għadam, peress li l-għadam għadu f'kundizzjoni tajba. B'dan il-mod, ix-xjenzati jiskopru iżjed dwar x'kienu jieklu dawn in-nies, x'mard kellhom, x'tulijiet kien ikollhom bħala nies u x'etajiet kellhom meta mietu. L-għadam tal-Ipoġew u taċ-Ċirku tax-Xagħra huma mill-istess żmien. Fil-fatt, il-kuratriċi qalet li hu interessanti li mill-għadam tax-Xagħra saret analiżi iżotopika *(isotope analysis)* li turi li dawn in-nies ma tantx kienu jieklu ħut. Min-naħa l-oħra, il-kuratriċi spjegat li l-kampjun li ġie studjat kien żgħir ħafna, għax kienu biss seba' individwi li ġew analizzati.

Dwar it-tipi ta' mard li rriżultaw mill-istudji kien hemm sinużitè, l-artrité u anke ksur. Spjegat li fl-istudji jistgħu jiskopru biss il-mard li jħalli xi traċċi fl-għadam u mhux il-mard kollu jagħmel dan. Allura seta' kien hemm mard ieħor li ma narawhx. Min-naħa l-oħra, hi spjegat li fejn kien hemm ksur, kien hemm evidenza li turi li xi ħadd kien qed jassistihom u jagħtihom il-kura biex fiequ.

## JUŻAW SNIENHOM BĦALA T-TIELET ID

Skoperti oħra li ħarġu dan l-aħħar huma dwar ċerta marki li nstabu fis-snien. MariaElena Zammit qalet li dawn juru li s-snien kienu jintużaw bħala t-tielet id, peress li huma repetittivi. Sinjali bħal dawn fuq l-għadam jagħtuna ħafna informazzjoni anke dwar l-attivitajiet li kienu jwettqu dawn in-nies.

Dwar l-ikel li kienu jieklu, il-kuratriċi qalet li nstabu bosta fdalijiet oħra fosthom ta' qamħ, għadds u legumi oħrajn. Instabu wkoll fdalijiet ta' għadam tan-nagħaġ/ mogħoż, qżieqeż u baqar li jindikaw li kienu jrabbuhom.

MariaElena Zammit qalet li jekk wieħed irid isemmi xi ħaġa affaxxinanti u interessanti dwar din il-komunità, irid isemmi kif komunità bħal din, fi żmien daqshekk bikri u mingħajr għodod tal-metall irnexxielha tibni strutturi megalitiċi u tħaffer dan l-Ipoġew. Xorta kienu kapaċi joħolqu xi ħaġa daqstant kbira ta' madwar 500 metru kwadru, minkejja li kellhom l-istess statura u t-tul tagħhom kien daqs tagħna. Spjegatilna li l-Ipoġew tħaffer fuq tliet livelli u jinżel 11-il metru fond. Madankollu, hu maħdum b'ċerta għarfien ta' bżonnijiet strutturali biex il-post ma jikkrollax. Illum, minkejja li għaddew 5,000 sena xorta għadna ngawdu dan il-post u allura hi xi ħaġa speċjali.

Il-kuratriċi stqarret li kien impressjonanti kif dawn in-nies għarfu jisfruttaw l-aspetti partikolari tal-materjali li kienu jużaw u ħolqu l-għodod meħtieġa mill-ġebel. Spjegat ukoll li fil-każ tal-Ipoġew kienu qed jużaw il-brajjem naturali tal-blat biex iħaffru magħhom minflok kontrihom. Stqarret li biex għamlu hekk, sinjal li kellhom l-għarfien u skoprew dawn il-karatteristiċi.

Il-kuratriċi semmiet ukoll il-materjal li kien jintuża u qaltilna li kienu jintużaw għodod tal-ġebel, bħall-ossidjana li kienet tinġieb minn Pantellerija u Lipari. Spjegat li dan huwa ħġieġ vulkaniku, li jekk taqtgħu b'ċerta mod jiġi jaqta' ħafna. Kienu wkoll jużaw iż-żnied li kienu jġibu minn Sqallija, kif ukoll dak lokali. Minkejja li ż-żnied lokali ma kienx daqstant ta' kwalità tajba, xorta ġieli nstabu fdalijiet tiegħu.

F'dan ir-rigward, MariaElena qalet li fl-Ipoġew instabu diversi marki ta' għodod differenti. Mid-daqqiet fil-ġebel wieħed jista' jkollu ħjiel ta' x'għodda ntużat, id-daqs tal-għodod u l-modi differenti kif kien jinħadem. Instab, pereżempju, kif f'ċerta żoni kienu joħolqu spazju billi jħaffru t-toqob u mbagħad jaqtgħu l-fdalijiet bejn it-toqob.

## L-AKBAR SFIDA TIBQA' L-KONSERVAZZJONI

Dwar xogħlijiet riċenti, il-kuratriċi qalet li l-akbar sfida tibqa' l-konservazzjoni. Spjegat li l-pitturi preistoriċi li fadlilna f'dan is-sit uniku fid-dinja li hu miktub fil-lista tal-wirt dinji tal-UNESCO huma uniċi. Is-sit huwa miktub għat-tielet kriterju li jfisser li huwa xhieda unika ta' ċivilizzazzjoni li m'għadhiex.

Filwaqt li jeżistu pitturi preistoriċi f'pajjiżi oħra, din hi l-unika waħda li fadal f'Malta tax-xorti tagħha. Għalhekk, hu ta' sfida kbira biex jinstab bilanċ fil-kundizzjonijiet ambjentali u l-umdità fis-sit. Spjegatilna li l-ġebla Maltija hi mielħa u allura jekk tonqos l-umdità l-melħ jikkristallizza u jew jifqa' jew jiddepożita ruħu fis-saff ta' barra tal-ġebla, li f'dan il-każ hu l-pittura. Fl-istess waqt, l-umdità ma tridx tkun għolja żżejjed għax inkella jċarċar l-ilma u ssir il-ħsara. Din problema ilha minn dejjem u fil-fatt kienet preokkupazzjoni ta' dawk responsabbli mis-sit sa mill-bidu li nfetaħ għall-pubbliku.

Il-kuratriċi qalet li dan il-proġett riċenti, ko-finanzjat minn għotja ta' fondi mill-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja taħt il-Fondi taż-Żona Ekonomika Ewropea 2009 – 2014, twettaq fuq żewġ binarji. L-ewwel aspett kien li titjieb in-natura tal-binja, ħalli ma jkunx hemm tibdil f'daqqa' tal-kundizzjonijiet ambjentali. Għalhekk ittejbet l-insulazzjoni tal-ħitan u tas-saqaf li jrid ikun ħafif apposta. Barra minn hekk, il-ħitan tal-ħġieġ li jagħlqu l-binja huma mdendlin biex ma jagħmlux pressjoni fuq is-sit. Inbidlet ukoll is-sistema tad-dranaġġ ta' waħda mid-djar fil-viċin biex tkun evitata ħsara fis-sit. Aktar minn hekk, fil-binja jikkontrollaw l-ammont ta' dawl biex ma jikbirx ħażiż u affarijiet oħra. Ma' dan, jillimitaw ukoll l-ammont ta' nies li jidħlu fis-sit. MariaElena spjegat li biex post ikun sigur għan-nies trid tinbidel l-arja spiss. Madankollu, tibdil mhux kontrollat jaffettwa lis-sit u allura ssir ħsara lis-sit. Għalhekk kien aħjar li jillimitaw id-dħul tan-nies għal ftit kuljum. Il-kmamar fis-sit huma wkoll żgħar u ma jesgħux ammonti kbar ta' nies. Fil-fatt, jidħlu biss għaxar persuni fis-siegħa, tmien darbiet kuljum. Minħabba f'hekk inħoloq mudell tridimensjonali biex dawk li ma jirnexxilhomx jidħlu jkunu jistgħu jaraw is-sit b'mod virtwali.

MariaElena spjegatilna wkoll għalxiex ma jistgħux jittieħdu ritratti. Qaltilna li d-dawl joħloq ċerta sħana u tibdil fid-dawl u peress li dawn il-fatturi u l-effetti tagħhom għadhom ma jafux x'livelli ta' ħsara joħolqu, allura qegħdin kawti biex jevitaw riperkussjonijiet u ħsarat fis-sit.

It-tieni aspett tal-konservazzjoni jinkludi l-protezzjoni tas-sit billi jikkontrollaw l-ambjent. Jużaw *air handling units* li jgħinu lis-sit jikkontrolla l-ambjent fejn ma jleħħaqx waħdu. B'hekk, il-livell tal-umdità jinżamm stabbli u fil-livell meħtieġ.

## L-ISKAVI TLESTEW KOLLHA... IMMA TKOMPLI R-RIĊERKA

Minkejja li l-iskavi fl-Ipoġew tlestew, xorta tibqa' ssir riċerka fuq il-materjal li nstab. Pereżempju, riċentament saret riċerka fuq il-marki tal-għodod li nstabu fis-sit kollu. Minn hawn ġew identifikati tipi ta' għodod differenti li setgħu ntużaw u ngħata ħjiel dwar liema kmamar saru qabel oħrajn. Affarijiet oħra li skoprew bir-riċerka fl-aħħar snin ffokaw fuq l-użu tal-okra ħamra fil-pittura. Qabel kien maħsub li din tinġieb minn Sqallija, iżda ftit ilu nstab li din setgħet tinstab ukoll lokalment.

## LEĠĠENDA URBANA OĦRA LI NDIFNU 7,000 PERSUNA

Il-kuratriċi kellmitna wkoll dwar leġġenda urbana oħra dwar l-Ipoġew fejn jingħad li nstabu fih mas-7,000 difna. Spjegat li f'waħda mill-kmamar fl-Ipoġew instabu fdalijiet ta' 119-il persuna. Minn din is-sejba, Temi Zammit kiteb li "jekk wieħed iqis id-daqs tal-għerien, il-fond tal-ħamrija ħamra u l-mod kif kienu l-għadam, wieħed jista' jikkalkula li tal-inqas sebat elef skeletru kienu midfuna fl-Ipoġew." L-ammont ta' 7,000, għalhekk, kien biss kalkolu bbażat fuq l-ammont ta' għadam li nstabu f'kamra waħda.

Maria Elena Zammit qaltilna li l-Ipoġew kien primarjament sit tad-dfin. L-aktar informazzjoni li għandna dwar id-dfin fil-preistorja hu miċ-Ċirku tax-Xagħra. Id-difna kienet issir fi spazju partikolari u mbagħad il-fdalijiet tal-iġsma kienu jitmexxew f'ġenb biex jagħmlu post għal mejtin oħra.





